# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 574/19/1 LSO**

**Emanuel sive Noel Muscat**

**v.**

**Helen Ciantar u Clayton Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fil-11 ta' Gunju, 2019 u li jaqra hekk:

> "Illi r-rikorrenti huwa s-sid ta' maisonette bl-isem Helvic, li tinsab gewwa Triq Censu Busuttil, l-Iklin kif ukoll tlett garaxxijiet li jinsabu taht dan i-maisontte fi Triq Censu Busuttil, l-Iklin, bin-numri mhux ufficjali wiehed

(1), tnejn (2) u tlieta (3), u dan skond l-anness kuntratti annessi u mmarkati bhala dokumenti “A” u “B”;

Illi l-istess rikorrenti kien xtara l-maisonette shell u kellu self mill-bank biex jithallas il-garaxxijiet b’ipotka fuq il-maisonette u fuq il-garaxxijiet;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti kien lesta l-maisonette u beda ihallas il-garaxxijiet;

Illi gara li missieru kien talbu sabiex imur ighix hemmhekk u juza dawn il-garaxxijiet stante li kellu negozju ta’ bejgh ta’ vetturi;

Illi r-rikorrenti kien accetta stante li huwa missieru u hallieh jmur ighix f’dan il-maisonette b’mera tolleranza;

Illi gara li maz-zmien missieru laqa’ mara gewwa dan il-maisonette u kellu relazzjoni maghha u fil-fatt kellhom tifel flimkien li jismu Clayton Muscat;

Illi qatt ma kien hemm xi kuntratt ta’ kera u missier l-esponenti qatt ma akkwista;

Illi missier l-esponenti miet fil-31 ta’ Marzu 2019 (kopja tac-certifikat talmewt anness u mmarkat bhala Dok C) u l-partner tieghu u t-tifel taghha ghadhom jghixu f’din id-dar u qedghin jokkupaw kemm id-dar kif ukoll il-garaxxijiet bla ebda titlu;

Illi l-esponenenti jixtieq li jerga jiehu lura l-propjetajiet tieghu;

Illi l-esponenenti jaf li l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x jressqu bhala difisa;

Ghaldaqstant l-esponenenti bir-rispett jitlob sabiex, ighid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

1. Tiddeciedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimat m’ghandu l-ebda titolu validu relattivament ghall-fond konsistenti f’maisonette bl-isem Helvic, li tinsab gewwa Triq Censu Busuttil L-Iklin u tlett garaxxijiet bin-numru mhux ufficjali wiehed, tnejn u tlieta gewwa l-istess Triq Censu Busuttil, L-Iklin;

3. Tordna lill-intimati jizgombraw mill-fond u mill-garaxxijiet in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti.

> B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrent nomine minhabba dan l-agir illegali tal-intimati u bl-ispejjez kontra l-intimati li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat illi b'Nota tas-27 ta' Gunju, 2019, l-attur ceda l-atti ta' din il-kawza fil-konfront ta' Clayton Muscat.

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju, 2019, li in forza taghha, wara li semghet lill-konvenuta bil-gurament u ddikjarat li l-konvenuta ma wrietx ragunijiet *prima facie* biex issostni d-difiza taghha, laqghet it-talba tal-attur u ordnat l-izgumbrament tal-konvenuta fi zmien perentorju ta' sitt xhur minn dakinhar.

4. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Helen Ciantar li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fl-4 ta' Lulju 2019 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li l-appellanti ghandha difiza valida x'taghti u allura din il-kawza m'ghandhiex tigi deciza bil-procedura sommarja specjali, tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex l-appellanti tippresenta r-risposta guramentata taghha u biex il-kawza tipprocedi fil-kors normali taghha, bl-ispejjez kontra l-appellat."

5. Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "tichad l-appell tal-appellanta, allura konvenuta, bhala frivoli u vestatorju u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha."

6. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

8. Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob l-izgumbrament tal-konvenuta mill-maisonette fl-Iklin, liema fond kien xtrah fi Frar tal-1987. F'dan il-post dahlu jghixu missier l-attur, Victor Muscat, u s-siehba tieghu l-konvenuta Helen Ciantar. Wara ftit, kellhom tarbija, Clayton, li baqa' jghix maghhom fl-istess fond. Dan Victor Muscat miet fil-31 ta' Marzu, 2019, u l-attur qed jitlob li jiehu l-fond tieghu lura.

9. Il-kawza fil-konfront tat-tifel Clayton Muscat giet ceduta u jsegwi li, kif ghamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront ta' Clayton Muscat.

10. Quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenuta Helen Ciantar eccepiet li l-fond huwa, fil-verita`, taghha ghax inxtara mill-attur *prestanome* f'isimha peress li hi kienet separata minn zewgha. L-ewwel Qorti osservat li din

mhix difiza li *prima facie* jaghti dritt tikkontesta l-kawza tal-attur, u ordnat l-izgumbrament taghha.

11. Il-konvenuta appellat mis-sentenza, ressqet ilmenti procedurali, u osservat li kienet anke infethet kawza minnha kontra l-attur (Rikors numru 507/19) biex tirrivendika l-proprjeta` taghha.

12. Trattat l-ewwel l-ilmenti procedurali, il-konvenuta tghid li dak kollu li sar quddiem l-ewwel Qorti huwa null u dana peress illi giet imsejha biex tidher ghal seduta li kienet qabel il-hmistax-il jum minn notifika, liema terminu hu impost bl-Artikolu 169 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan jista' jkun minnu, pero`, fis-seduta li ghaliha l-konvenuta kienet imsejha tidher, hija dehret debitament assistita mill-avukat ta' fiducja taghha, u ma ssollevat ebda lment dwar dan it-terminu. Inoltre, il-proviso ta' dan l-artikolu jiddisponi li f'kaz li ma jigix osservat dan it-terminu, il-Qorti tista' tipprocedi bil-kaz u tara li d-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati. Hu dak li ghamlet l-ewwel Qorti ghax meta ssejhet il-kawza, ghall-ewwel il-konvenuta ma kinitx assistita minn avukat u l-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet, reghet dehret il-konvenuta debitament assistita li ressqet il-pretensjoni taghha. Il-fatt li din ma gietx accettata lanqas bhala difiza *prima facie*, ma jfissirx li d-drittijiet tal-konvenuta gew ippregudikati.

13. Fit-tieni lok, il-konvenuta tilmenta li l-procedura hija nulla peress illi l-ewwel Qorti ma tatx digriet fejn cahdet zmien lill-konvenuta sabiex tressaq risposta in kontestazzjoni tat-talbiet tal-attur. Il-Qorti, pero`, tirrileva li l-ewwel Qorti vverbalizzat li l-konvenuta ma wrietx ragunijiet *prima facie* in sostenn tad-difiza taghha. L-Artikolu 170(4) tal-imsemmi Kap 12 jghid li tali digriet jista' jinghata bil-fomm, u tieghu jitnizzel notament fl-atti tal-kawza. Hekk gara f'dan il-kaz u kwindi ma jistax jinghad li hemm xi nullita`.

14. Fir-rigward tal-mertu, il-konvenuta qed tibqa' tinsisti li l-fond huwa taghha. Hija ressqet kawza fejn qed titlob dikjarazzjoni li meta l-attur xtara l-post "*dan kien qed jaghmel hekk biss f'isem u fl-interess ahhari tal-attrici*", cioe`, tal-konvenuta odjerna Helen Ciantar. Meta, pero`, xehdet quddiem l-ewwel Qorti f'din il-kawza, mistoqsija kif inxtrat din id-dar, wiegbet "*xtraha hu gebel u saqaf*". Mistoqsija min hu, wiegbet "*Victor*". Jekk xtraha Victor Muscat u qatt ma thallset kera, issa li dan miet, zgur li hi ma ghandha ebda jedd tibqa' tghix fil-post bit-titolu minnha vantat. Ma hemmx lok, allura, li l-appell taghha jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Helen Ciantar billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-

ewwel Qorti, b'dan li t-terminu perentorju ta' sitt xhur minnha impost għall-izgumbrament jibda jgħaddi millum.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk relatati ma' din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenuta appellanta Helen Ciantar, u peress li tqis dan l-appell bhala frivolu u vessatorju tikkundanna lill-istess konvenuta appellanti ghall-hlas ta' spejjez doppji.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imhallef

Anthony Ellul
Imhallef

Deputat Registratur
gr